Jan 2013
# ħidmietna f'isimkom
PUBBLIKAZZJONI TAL-KUNSILL LOKALI NADUR



## Mistenni minn Kulħadd

Bla dubju ta' xejn, wieħed mill-aktar avvenimenti mistennija fil-Kalendarju ta' attivitajiet kulturali f'Malta u Għawdex huwa żmien il-Karnival. Fin-Nadur, daż-żmien hu aktar mistenni peress li f'waħda mit-triqat ewlenin tar-raħal, jiġi iċċelebrat it-tieni l-aktar Karnival popolari fid-dinja - wara dak tal-Brażil. Uniku fl-istil tiegħu, il-Karnival tan-Nadur jiġbed lejh eluf kbar ta' persuni mhux biss mill-gżira tagħna imma wkoll minn madwar id-dinja. Skond it-tradizzjoni, dan jiġi ċċelebrat 5'ijiem qabel ir-Randan: bejn il-Ġimgħa, 8 u t-Tlieta, 12 ta' Frar 2013. Fin-Nadur, iċ-ċelebrazzjonijiet tal-Karnival jibdew nhar il-Ħadd 3 ta' Frar bil-Karnival Organizzat fil-Pjazza ewlenija tar-raħal. Minbarra d-diversi kompetizzjonijiet ta' żfin, kostumi, karrijiet u l-famuża Kukkanja, din is-sena se tieħu sehem ukol il-banda Big Friends Guggen Musik komposta minn 50 element mużikali. Kollox jibda fin-12:30pm u jippreżenta Ronald Briffa.

MALTA
MALTA TOURISM AUTHORITY

Ministeru tal-Intern

# Xogħlijiet





**Bandli ġodda fi Ġnien il-Kunsill**



**Xkaffar u kotba ġodda fil-librerija**



**Xiri ta' *Duplicator* għall-użu tal-għaqdiet**

# Nagħtu Ħajja lill-Isqaqien Tagħna

L-inħawi ta' San Blas fin-Nadur huma karatterizzati minn diversi sqaqien antiki fil-bżonn ta' restawr. Huwa npenn tal-Kunsill Lokali li fejn possibli, jerġà jagħti l-ħajja lil dawn it-triqat żgħar li jagħmlu parti mill-kultura tagħna lkoll. Wara li ġiet aċċettata applikazzjoni għal fondi taħt l-iskema ta' Finanzjament ta' Proġetti Speċjali, il-Kunsill akwista r-riżorsi sabiex fi 2 minn dawn l-isqaqien isir xogħol ta' pavimentar ġdid, fanali fuq stil antik u tqegħid ta' qsari u pjanti sabiex kemm jista' jkun, dawn jerġgħu jiġu fl-istadju orġinali tagħhom.

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur applika wkoll għal fondi taħt l-iskema ta' Finanzjament għal Restawr ta' Postijiet Storiċi Żgħar. Din l-applikazzjoni ġiet ukoll aċċettata u l-fondi miksuba se jintużaw sabiex isir restawr fuq il-monument ta' Dun Salv Vella li jinsab biswit l-Iskola Primarja tan-Nadur.

Sadanittant, fl-aħħar xhur il-Kunsill issottometta diversi applikazzjonijiet oħra taħt skemi ta' fondi minn l-Unjoni Ewropeja biex ikompli u jkun jistà jwettaq proġetti utli għall-poplu u r-raħal tan-Nadur.

# Il-Kunsill Ifakkar...

Fil-laqgħa numru 12 tal-Kunsill Lokali tan-Nadur ta' l-14 ta' Novembru, ġie deċiż li jsir monument ta' tifkira lill-mibki Bryan Portelli li tilef ħajtu traġikament nhar l-4 ta' Novembru 2012 fi splużjoni ta' waħda mill-kmamar tan-nar fl-Għarb waqt li kien qed jagħti s-sehem tiegħu għal raħal twelidu. Sabiex isir dan, saret sejħa lil diversi artisti lokali sabiex jiprovdu abbozz ta' dan il-monument. Wara li ġew diskussi d-disinni kollha, intagħżel dak ta' Hermine Sammut. Il-monument se jitpoġġa fuq padestall, diġà eżistenti fi Triq it-Torri ta' Kenuna.

Bħala turija ta' rispett għal dan in-Naduri li tant ħadem għal ġid tar-raħal tan-Nadur, il-Kunsill Lokali iddeċieda li jħassar l-attivitajiet kollha marbuta ma' Jum il-Kunsill li kienu ppjanati bejn l-4 u t-13 ta' Novembru 2012.






Blood Donation


Min Hu n-Naduri?


Quddiesa ta' Radd il-Ħajr


Sounds the Trumpet


Premju Ġieħ in-Nadur

# Jum il-Kunsill
## NOVEMBRU 2012


ABBA Gold

# Milied fin-Nadur
## DIĊEMBRU 2012


Tiżjin fi Triq Diċembru 13


Open Market il-Ħadd







# ABBA Gold

Bħala parti mill-attivitajiet marbuta ma' żmien il-Milied fin-Nadur, nhar id-19 ta' Diċembru 2012, il-Kunsill ħa ħsieb jorganizza Kunċert minn grupp tribute bl-isem ta' Abba Gold u bis-sehem tal-grupp lokali Cash & Band. Fis-sagħtejn sħaħ ta' show li ta l-grupp Abba Gold, dawk preżenti setgħu jerġgħu jgħixu xi ftit il-memorji u s-suċċessi mużikali li ħalla l-grupp Abba fis-sebgħinijiet. Il-Kunsill jixtieq jirringrazzja lil dawk preżenti kif ukoll, b'mod speċjali lil dawk li taw l-għajnuna finanzjarja tagħhom sabiex avveniment ta' dak il-livell setgħa ġie mtellgħa.

Dawn huma:

Coca-Cola, J. Portelli Projects, Heineken, Delicata, Ministeru għall-Ġustizzja, Konsultazzjoni Pubblika u l-Familja, Gatt Group of Companies, Nicky Saliba - building and restoration of rubble walls, Smart Office Supplies Ltd, Ta' Marozz Water Supply, Joseph Mercieca (Tal-Ġuż) - Skip Hire & Highup Services, L&R Car Hire Garage, Lepeirks Travel, Richard Cauchi - Mechanical and Electrical Contractor, M&J Garage u Micho Lighting.



# Avviżi

## Żmien il-Karnival

Il-Kunsill Lokali jappella lil kulħadd sabiex fil-ġranet tal-Karnival jiġu rrispettati l-liġijiet tal-pajjiż kif ukoll biex ħadd ma joffendi l-moralità pubblika. Napellaw ukoll biex ma jkunx hemm moħqrija ta' l-annimali u jittieħdu l-prekawzjonijiet kollha biex ma jiġrux inċidenti.

## Ringrazzjament

Il-Kunsill Lokali jirringrazzja lill-isponsors uffiċjali tal-Karnival tan-Nadur 2013: Malta Tourism Authority, Ministeru tal-Intern, Ministeru għal Għawdex, Coca-Cola u Heineken kif ukoll lil dawn kollha li b'ħafna siegħat ta' ħidma, jipparteċipaw f'din l-attività. Żgur li mingħajr dawn, il-Kunsill ma jkunx f'pożizzjoni li jorganizza avviment bħal dan.

## Persuni b'Talent

Il-Kunsill qed jiġbor lista ta' persuni b'talent bħal kant, żfin u aktar sabiex jieħdu sehem fid-diversi attivitajiet organizzati minn żmien għal żmien. Dawn interessati mitluba jħallu d-dettalji tagħhom fl-uffiċċju tal-Kunsill.

## Fitness Workouts

Għal dawk li jixtiequ jżommu ruħhom attivi, il-Kunsill qed jorganizza sessjoni ta' siegħha fil-ġimgħa ta' Fitness Workouts by Jen & Angelo - pilates yoga and aerobics to music. Dawk interessati mitluba jinkitbu fl-uffiċċju tal-Kunsill.

## Ms Queen Carnival 2013

Bħala parti mill-attivitajiet organizzati fil-jiem tal-Karnival fin-Nadur, il-Kumissjoni Żgħażagħ Mnarja, Modelle International u l-Kunsill Lokali tan-Nadur, qegħdin għal darb'oħra jorganizzaw Ms Queen Carnival. Din se tittellà fit-Teatru MBC nhar is-Sibt, 2 ta' Frar 2013.

## Fondi għal Attivitajiet Kulturali

Fix-xhur li għaddew il-Kunsill applika għal skema ta' fondi biex jintużaw fl-organizzazjoni tal-Karnival. Permezz ta' Nadur Carnival - A Unique Experience, il-Kunsill irnexxielu jakwista din l-għajnuna finanzjarja li ġiet ppreżentata lis-Sindku Charles Said mill-Prim Ministru, Dr. Lawrence Gonzi nhar is-Sibt, 22 ta' Diċembru.



KUNSILL LOKALI NADUR

'13

# KARNIVAL TAN-NADUR

Ministeru tal-Intern

Ministeru ghal Ghawdex

www.visitMALTA.com

## Organizzat

3 ta' Frar fin-12:30

Jippreżenta Ronald Briffa

## Spontanju

8-12 ta' Frar, bil-lejl

Trasp rt minn u lejn in-Nadur pprovdut minn ARRIVA